# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju 2016

Talba Numru: 844/2015 NHV

Numru fuq il-Lista: 8

**Joseph Caruana**
**K.I. 650352(M)**

**vs**

**Matthew Scicluna**
**K.I. 233983(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 t'Ottubru 2015, li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' seba' mija u disa' u għoxrin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€729.31c), rappreżentanti bejgħ u kunsinna ta' prodotti lill-konvenut mill-attur;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u disa' u għoxrin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€729.31c), bl-imgħax legali dekorribbli mis-26 t'Ottubru 2015, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
**Ġudikatur**